MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 2786/2002

**Union Press Co. Ltd**

**vs**

**Twenty Twenty Projects Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Novembru 2002 fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm225.81) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mis-socjeta' konvenuta ghal servizzi rezi mis-socjeta' atttrici u mhux imhallsa.
Bl-ispejjes u bl-imghax kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata, baqghet ma dehritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Ilona Debono, in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonfermat li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm225.81), bl-imghax legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------